MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 380/2009/1

**Fracht Malta Limited**

**vs**

**Anthony Cassar & Son (1919) Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Fracht Malta Limited tal-31 ta’ Dicembru 2012 kontra s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zaghar tat-12 ta’ Dicembru 2012;

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensur tas-socjeta appellanti;

Rat is-sentenza tat-Tribunal li tghid hekk:

It-Tribunal ra x-xhieda ta’ Stephen Farrugia li nghatat fit-18 ta’ Settembru, 2009 prodott mis-socjeta attrici, fejn ix-xhud qal illi huwa l-General Manager tas-socjeta attrici. Huwa spjega illi l-ammont li intalab fl-avviz jirraprezenta ammont imhallas mis-socjeta attrici fil-Germanja bhala penali talli damu ma nhargu zewg containers tas-socjeta konvenuta mill-port fil-Germanja. Huwa qal li s-socjeta konvenuta kienet klijent regolari taghhom billi kienet tqabbadhom jaghmlulha trasport ta’ merkanzija.

Stephen Farrugia qal illi s-socjeta konvenuta kellha credit terms ta’ tletin (30) gurnata u capping ta’ disat elef u hames mitt Ewro (€9,500). Fiz-zmien meta s-socjeta konvenuta qabbdet lis-socjeta attrici sabiex igorr il-merkanzija in kwistjoni kellha bilanc pendenti ta’ iktar minn ghoxrin elf Ewro (€20,000). Filfatt dan ix-xhud qal illi s-socjeta attrici kienet hadet id-decizjoni illi ma jkomplux johorgu flus ghan-nom tas-socjeta konvenuta jekk ma jdahhlux xi flus min ghandhom. Huwa qal ukoll minkejja dan l-ammont dovut xorta accettaw li jixxipjaw ix-xoghol tas-socjeta konvenuta pero qal li kienu avzaw lis-socjeta konvenuta illi kellha thallas l-ammont pendenti.

Ix-xhud kompla jghid illi s-socjeta attrici lestiet id-dokumenti kollha mehtiega u cioe baghat id-dokument T2L lill-klijent sabiex jibghatu lill-korrispondent taghhom fil-Germanja. Dawn damu ma baghtu dan id-dokument lejn il-Germanja bil-konsegwenza illi minghajr id-dokument originali tat-T2L il-merkanzija ma setghetx titlaq mill-Germanja. In sostenn ta’ dan ix-xhud esebixxa d-dokument mmarkat bhala Dok SF6 fejn huwa ddikjarat mill-Germanja stess illi d-dokument huwa mehtieg fil-forma originali tieghu u mhux kopja.

Minhabba li dan id-dokument dam ma wasal il-merkanzija damet fil-port tal-Germanja u kellhom jithallsu l-flus tad-demurrage u storage.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha pprezentati minn dan ix-xhud. Ra wkoll ix-xhieda ulterjuri ta’ Stephen Farrugia li saret fit-30 ta Otturbu, 2009 fejn ix-xhud spjega d-dokumenti esebiti minnu.

Fil-11 ta Mejju, 2010 xehdet ukoll Daphne Farrugia prodotta mis-socjeta konvenuta. Din ix-xhud qalet illi f'dan il-kaz id-dokument waslu tard fil-Gemanja izda skond din ix-xhud ix-xoghol setgha jigi kklerjat mil-kopja imbaghad kif jasal l-original jigi pprezentat. Haga li giet michuda mis-socjeta attrici. Din ix-xhud qalet ukoll illi l-kumpanija attrici baqghet izzomm ix-xoghol fil-Port peress illi rrizultalha li s-socjeta konvenuta kellha xi ammonti ta’ flus dovuti lis-socjeta attrici.

Xehed ukoll Bernard Sapiano fil-11 ta Mejju, 2010 fejn spjega illi huwa kien gie nfurmat minn Stephen Farrugia li x-xoghol ma kienx ser jigi released mill-port tal-Germanja minhabba l-pendenzi li kien hemm bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta. Filfatt ipprezenta diversi dokumenti li juru korrispondenza skambjata bejn il-kumpaniji fiz-zmien meta l-merkanzija kienet maqbuda l-Germanja liema korrispondenza titkellem fuq kif ser isiru l-hlasijiet mis-socjeta konvenuta.

It-Tribunal wara dak li kellhom xi jghidu x-xhieda prodotti u d-dokumenti pprezentati wasal ghal konkluzjoni illi sabiex ikun hemm ekwita u gustizzja maz-zewg partijiet, l-ammont mitlubha thallas il-kumpanija konvenuta ghandu jinqasam bin-nofs u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Fix-xhieda tieghu Stephen Farrugia li huwa l-General Manager tal-kumpanija attrici spjega illi l-merkanzija damet mizmuma bejn is-6 ta Dicembru u s-16 ta Dicembru. Huwa qal ukoll "Ghandi nghid sabiex nispjega kif il-merkanzija harget mill-port fil-15 ta Dicembru meta dokument T2L wasal bil-courier fil-11 ta Dicembru ghaliex il-11 ta Dicembru kien il-Hamis. Il-merkanzija pero baqghet fejn kienet peress illi s-socjeta konvenuta ma kinitx qed taghmel il-hlasijiet li konna tlabna u fthemna fuqhom kif diga spjegajt fix-xhieda tieghi. Dak in-nhar tal-11 ta Dicembru ahna konna tlabna lis-socjeta konvenuta sabiex anki jekk ma jsir ebda hlas almenu taghti commitment illi kienet fi hsiebha thallas l-ammont pendenti. Dan il-commitment pero wasal ghandna fit-12 ta Dicembru u ovvjament essendo nhar ta Gimgha il-

merkanzija ma setatx titlaq avolja tajna instruzzjonijiet biex tigi rilaxxata u ghahekk telqet fil-15 u cioe t-Tnejn ta' wara."

Allura dan kien ifisser illi l-merkanzija setghet titlaq fil-11 ta Dicembru malli wasal l-original tad-dokument mitlub mid-Dwana. It-Tribunal ma jqisx li l-agir tas-socjeta attrici li zzomm il-merkanzija fil-port tal-Germanja minkejja li issa kien wasal l-original tad-dokument mitlub, u hekk tkabbar l-ispejjez kien agir sewwa.

Id-dokumentipprezentat minn Stephen Farrugia dokument a fol 31 immarkat bhala Dok SF3 juri li l-ammont ta' elf tmien mija u disghin Ewro (€1,890) jinqasam elf erba' mija u tletin Ewro (€1,430) storage u erba' mija u sittin Ewro (€460) demurrage carrier. Pero dan id-dokument minkejja li jaqsam l-ispejjez fil-gurnata ma jispjegax liema gurnata thallas l-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro (€55) u liema thallas mija u ghaxar Ewro (El 10). Ghalhekk it-Tribunal jaqsam l-ammont mitlub bin-nofs peress illi kieku l-merkanzija telqet fil-11 ta Dicembru l-granet ta' storage u spejjez ohra kienu jonqsu bin-nofs.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' parzjalment it-talbiet attrici fis-sens li jikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' elf, mija u hmistax-il Ewro u ghaxar centezmi (€l,115.10).

Bl-ispejjez tal-Ittra Ufficjali bin-numru 2122/09 jkunu a karigu tal-kumpanija konvenuta, bl-imghax legali jkun dekorribli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Filwaqt illi l-ispejjez ghandhom tal-kawza ghandhom jithallsu terz mis-socjeta attrici u zewg terzi mis-socjeta konvenuta.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. Is-socjeta appellanti ma kellha ebda obbligu bil-ligi sabiex thallas l-istorage u demurrage ghax din l-ispiza

sehhet minhabba l-agir tas-socjeta appellata li damet sal-11 ta' Dicembru 2008 biex ikkonsenjat id-dokumenti ta' rilaxx fil-port ta' Hamburg. In oltre skond il-credit facility agreement bejn is-socjetajiet kontendenti s-socjeta appellanti ma ghandha ebda obbligu thallas ghal demurrage u storage ghan-nom tal-appellata. In oltre billi s-socjeta appellata kellha debitu kbir mas-socjeta appellanti, l-istess socjeta appellanti hallset l-ispejjez inkorsi wara commitment mill-istess socjeta appellata fit-12 ta' Dicembru 2008 b'email taghha li kienet ser taghmel tajjeb ghal hlas. Kien ghalhekk li r-rilaxx sar fil-15 ta' Dicembru 2008. In oltre biex isir rilaxx irid jitqabbad burdnar u dan jiehu ftit zmien biex isehh u biex id-demurrage jieqaf il-containers iridu jergghu jiddahhlu vojta. L-appellant izid illi t-terms and conditions tas-servizz offrut mis-socjeta appellanti gew skartati mit-Tribunal fejn jirrizulta li s-socjeta appellanti ma tistax tinstab responsabbli ghal non performance meta dan hu dovut ghan-negligenza tal-klijent. Minghajr pregudizzju anki f'kaz ta' responsabilta hemm limitation of liability sa €698 kif jistipulaw kundizzjoni 13 tat-terms and conditions;

2. It-Tribunal iddecieda hazin li l-imghax jiddekorri mid-data tas-sentenza billi f'operazzjonijiet kummercjali l-imghax jibda jiddekorri mindu l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita;

3. In bazi tal-ewwel aggravji jekk dan jigi milqugh, is-socjeta appellata ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza.

**L-ewwel aggravju**

It-Tribunal, kif del resto jammetti hu stess, hares lejn il-kwistjoni mill-punto di vista ta' ekwita u ta' gustizzja u kkonkluda illi wara l-11 ta' Dicembru 2008, is-socjeta appellanti ma kellhiex raguni valida milli tohrog il-merkanzija mill-port fil-Germanja u b'hekk kienu jonqsu d-danni. It-Tribunal donnu jaghti x'jifhem ghalhekk illi sal-11 ta' Dicembru 2008 is-socjeta appellata kienet responsabbli ghal dak li sehh. Meta t-Tribunal gie biex jikkwantifika d-danni li suppost kellha thallas is-socjeta appellata, bonarjament qasmu minn nofs billi skond l-istess Tribunal id-dokument a fol. 31 tal-process dwar id-danni ma hux car bizzejjed.

Din il-Qorti tqis illi t-Tribunal, kif del resto jargumenta l-appellant ma qies sew mill-punto di vista legali din il-kwistjoni.

Il-Qorti tirrikonoxxi li t-Tribunal ghandu l-fakolta li jiddeciedi in linea ma ekwita pero qabel jasal ghall-ekwita irid jara jekk il-provi humiex tali li jwassluh ghal decizjoni ragonata fil-ligi u a bazi tal-ligi u fuq kollox bazata fuq l-atti u provi prodotti.

Jirrizulta illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim fejn is-socjeta attrici kienet il-freight forwarder u s-socjeta appellata il-klijent. Kienu marbutin bi ftehim u l-kundizzjonijiet huma riportati f'diversi partijiet tal-process fosthom l-aktar li jidhru cari a fol. 51 tal-process. Il-freight forwarder kellu jwassal il-merkanzija door to door. Il-merkanzija ntbaghtet minn Malta fis-26 ta' Novembru 2008 u waslet fil-port fil-Germanja fl-1 ta' Dicembru 2008. Prova mhux kontradetta mis-socjeta konvenuta turi illi biex isir ir-rilaxx, id-dokumenti necessarji ghar-rilaxx li jridu jigu prezentati jridu jkunu dawk originali. Jidher illi l-original tad-dokumenti jintbaghtu lil klijent cioe s-socjeta konvenuta li trid tghaddihom lil agent fil-Germanja biex dan imur bihom ghar-rilaxx. Dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tas-socjeta konvenuta ferm qabel mal-merkanzija waslet fil-Germanja u jirrizulta illi pero waslu l-Germanja bil-courier imqabbad mis-socjeta konvenuta fil-11 ta' Dicembru 2008. Sadattant, cioe mis-6 ta' Dicembru 2008 bdew jiddekorru spejjez ta' storage u demurrage tal-containers. Zgur illi s-socjeta appellanti ma hix responsabbli ghal dawn l-ispejjez la a bazi tal-ftehim bejn il-partijiet u anqas skond il-ligi generali peress illi kien in-nuqqas tas-socjeta appellata li twassal id-dokument originali ghar-rilaxx qabel il-11 ta' Dicembru 2008 li wassal ghall-ispejjez inkorsi sa dakinhar. Is-socjeta appellata ma gabietx prova kif allegat illi anki kopja tad-dokumenti kienet bizzejjed u t-Tribunal strah fuq il-prova aktar kredibbli migjuba mis-socjeta appellanti dwar il-bzonn li jingieb id-dokument originali ghar-rilaxx. Din hi kwistjoni ta' kredibilita li din il-Qorti ma tqis li ghandha tissindaka jekk mhux ghal ragunijiet serji li f'dan il-kaz ma jirrizultawx.

Is-socjeta appellanti pero tissottometti illi t-Tribunal naqas li jikkonsidra fatturi ohra li wassal li r-rilaxx isir fil-15 ta' Dicembru 2008, ghalkemm is-socjeta appellanti mhix titlob ghad-demurrage ghas-16 u 17 ta' Dicembru 2008 li jirrizultaw dovuti mill-atti tal-kawza cioe d-data meta gew ritornati vojta l-containers. Il-Qorti tqis li dawn l-argumenti fil-maggor parti ma jreggux billi l-credit facility agreement li mhux applikabbli ghal spejjez inkorsi ma jaghtix id-dritt lis-socjeta appellanti li ma tonorax l-obbligu taghha li tirtira l-merkanzija mill-port kif kienet obbligata taghmel permezz tal-persuni imqabbda fil-Germanja stante li l-ftehim ta' transport kien door to door b'riserva naturali li tfittex lis-socjeta appellata ghal-ispejjez inkorsi mhux htija taghha kif fil-fatt spiccat ghamlet.

Id-debitu li gia kellha s-socjeta appellata mas-socjeta appellanti ma kienet ta' ebda rilevanza peress illi l-istess socjeta appellanti setghet facilment tirrifjuta li taccetta li titrasporta l-merkanzija ghas-socjeta konvenuta. Darba li accettat kellha allura toqghod ghal ftehim u obbligi naxxenti mill-ftehim tat-trasport. In kwantu ghall-obbligi jigi ravvizat illi t-terms and conditions li jirreferu ghalihom l-appelant jirrizulta fi klawsola 18 (para. Vii) illi s-socjeta appellanti hi ezonorata mill-obbligi taghha fis-sens fejn l-ezekuzjoni taghhom jigu mizmuma jew in-nuqqas ta' ezekuzjoni hi l-effett dirett jew indirett ta' att, negligenza jew nuqqas tal-klijent. Ghalkemm hu minnu illi s-socjeta appellata naqset li tfornixxi d-dokumenti necessarji sal-11 ta' Dicembru 2008 u ghalkemm hu minnu wkoll illi l-terms and conditions fi klawsola 14 dwar 'charges' ighidu li l-klijent irid ihallas immedjatament is-somom kollha dovuti, jidher li fl-email tas-socjeta attrici tal-11 ta' Dicembru 2008 (fol. 65 tal-process) hu indikat illi s-somma 'cirka' ta' spejjez ta' dock/demurrage ta' €2,625 kienet ser tigi 'invoiced' u mizjuda mal-ammont gia dovut mis-socjeta konvenuta.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi s-socjeta appellanti accettat li l-ammonti dovuti ghal demurrage u storage kienu ser jigu mizjuda mal-kont tas-socjeta konvenuta. Dan ma jiggustifikax lis-socjeta appellanti f'dan l-aggravju li

jallegaw illi kellu jkun hemm dewmien ta' erbat ijiem sar-rilaxx effettiv cioe mill-11 ta' Dicembru 2008 sal-15 ta' Dicembru 2008. Il-Qorti tifhem illi forsi dakinhar stess ma kienx ser ikun possibli li l-merkanzija tigi rilaxxta pero zgur l-ghada cioe t-12 ta' Dicembru li kien il-Gimgha u mhux weekend il-merkanzija setghet giet rilaxxata u ma nghatat ebda raguni mis-socjeta appellanti ghaliex fil-fatt dan kellu jsir fil-15 ta' Dicembru 2008. L-unika raguni plawsibbli hi illi s-socjeta appellanti baqghet tistenna post dated cheques mis-socjeta appellata ghad-debitu dovut liema hlasijiet saru fil-15 ta' Dicembru 2008 kif jidher mid-dokument SF7 fil-process a fol. 16. Pero din il-Qorti tqis li z-zewg kwistjonijiet qatt ma kellhom jithalltu ma' xulxin, u l-obbligi naxxenti minn dan il-ftehim partikolari kellu jigi rispettat kif miftiehem.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti li t-Tribunal kien fuq il-linja tajba meta ma ggustifikax l-agir tas-socjeta appellanti wara l-11 ta' Dicembru 2008 sal-15 ta' Dicembru 2008. Madankollu l-Qorti gia ravizat illi fic-cirkostanzi s-socjeta appellanti kellha taghmel tajjeb ghal erbat ijiem ta' storage u demurrage cioe bejn it-12 u 15 ta' Dicembru 2008. it-Tribunal ha linja dritta u qasam l-ammont mhallas komplessivament bin-nofs u in oltre ggustifikah ghax qal li ma jirrizultax kif inhadmet ic-cifra dovuta per diem. It-Tribunal mhux korrett fiz-zewg konkluzjonijiet. L-ewwel jidher car illi l-ammont ta' granet ta' spejjez inkorsi li ghalihom tahti s-socjeta appellata hi hafna aktar minn dak li tahti ghalihom is-socjeta appellata u in oltre l-breakdown tal-ammonti dovuti ghal storage u demurrage taz-zewg containers jirrizultaw a fol. 32 u 33 tal-process. A fol. 32 l-istorage hu kalkolat bil €55 kull jum ghat sebat ijiem cioe mis-6 sat-12 ta' Dicembru 2008 u bl-€110 bejn it-13 u 15 ta' Dicembru 2008, mentri d-demurrage hu kalkolat bl-€20 kull jum bejn is-6 u 14 ta' Dicembru 2008 u mill-15 ta' Dicembru 2008 bit-€30 kull jum. Kunsidrat dan is-socjeta appellanti trid tirrispondi ghal storage bejn it-12 u 15 ta' Dicembru 2008 cioe €770 u ghal demurrage bejn it-12 u 15 Dicembru 2008 cioe €180 b'kollox €950, (mentri s-socjeta appellata hi responsabbli ghad-differnza cioe €940 li mieghu jrid jizdied il-VAT ammontati ghal €169.20 b'kollox €1,109.20. L-aggravju dwar il-limitation of liability

skond klawsola 13 tat-terms and conditions fil-ftehim ta' garr mhux gustifikat ghaliex din mhix kawza ghad-danni li qed issir kontra l-freight forwarders izda qed tigi maghmula mill-freight forwarders u fit-tieni lok l-artikolu 13 ma jikkontemplax is-sitwazzjoni mertu ta' din il-kawza. Ghalkemm teknikament, billi ma hemmx appell fuq l-ammont likwidat mis-socjeta appellata, l-ammont ta' danni deciz fis-sentenza tat-Tribunal ghandu jipprevali billi hu akbar pero billi si tratta ta' ftit euros biss din il-Qorti ser tapplika l-ammont kif korrett b'din is-sentenza li jirrifletti bl-ezatt dak dovut skond il-ftehim u tqassim ta' responsabilta.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju hu gustifikat. Billi l-vertenza hi wahda ta' natura kummercjali japplika l-artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 u l-imghax fuq is-somma dovuta tas-socjeta attrici beda jiddekorri mid-data meta s-socjeta appellata gie avzata bil-hlas ezatt li ghamlet is-socjeta appellanti cioe mid-29 ta' Dicembru 2008 cioe meta l-merkanzija gie rilaxxata wara li thallsu l-ispejjez ta' storage u demurrage.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju mhux ser jintlaqa' billi jirrizulta illi z-zewg partijiet kellhom nuqqasijiet u dak effettivament dovut lis-socjeta appellanti bejn wiehed u iehor baqa' l-istess kif deciz mit-Tribunal. Il-Qorti ma tqis li ghandha tiddisturba d-decide tat-Tribunal dwar l-ispejjez billi fic-cirkostanzi hu gust li s-socjeta appellanti tbati parti mill-ispejjez tal-kawza izda mhux fl-istess proporzjon tas-socjeta appellata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tas-socjeta appellanti u tirriforma s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar in kwantu tikkundanna lis-socjeta konvenuta appellata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €1,109.20 inkluz il-VAT, bl-imghax jibda jiddekorri mid-29 ta' Dicembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u ghal bqija tikkonferma s-sentenza tat-

Tribunal tat- 12 ta’ Diċembru 2012. Spejjeż jiġu sopportati fl-istess proporzjon tal-ispejjeż tal-ewwel istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------